**RULING MOGĦTI MILL-ISPEAKER ANĠLU FARRUGIA FIS-SEDUTA 149 TAT-2 TA' OTTUBRU 2023 DWAR TALBA LI SARET MILL-KUMITAT DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI TAS-26 TA' SETTEMBRU 2023 DWAR IL-MANSJONI TAL-ISTESS KUMITAT**

Fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (PAC) tas-26 ta' Settembru 2023, waqt id-diskussjoni dwar ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali "*An Investigation of Matters relating to the Contracts awarded to Eelectrogas Malta Limited by Enemalta Corporation (Dok. 2)*", intalab ruling mill-Onor. Alex Muscat. Huwa qal hekk:

> "**ONOR. ALEX MUSCAT:** ... sabiex aħna nimxu ma' dak ir-ruling - fuq jekk rapport ambjentali għandux jiġi diskuss fil-Public Accounts Committee minkejja li mhux qed nitkellmu fuq nefqa pubblika. Allura nitolbu ruling tal-Ispeaker f'dan is-sens."

F'dik il-laqgħa tal-PAC, wara li kien xehed Dr Joseph Muscat, iċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Darren Carabott, qal li l-Oppożizzjoni kienet qed tagħmel din it-talba, u nikkwota:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Oppożizzjoni, bħala xhud għal-laqgħa li jmiss, qiegħda tipproponi lill-NGO Friends of the Earth (FoE). Dawn kienu ppreżentaw lil dan il-Kumitat kopja ta' rapport tekniku dwar il-power station. Jekk hawn xi oġġezzjoni nitlob li tiġi vverbalizzata issa."

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qal:

"**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** X'inhi r-rilevanza ta' din ix-xhieda?"

Iċ-Chairperson wieġeb li kien ġie tabled rapport. Hemmhekk l-Onor. Andy Ellul qal hekk:

"**ONOR. ANDY ELLUL:** Iva, nafu li ġie tabled rapport, imma aħna qegħdin nistaqsu x'inhi r-rilevanza ta' din ix-xhieda mar-rapport tal-Awditur Ġenerali ..."

Eventwalment l-Onor. Alex Muscat qal hekk:

"**ONOR. ALEX MUSCAT:** La bejnietna m'aħniex qed niftehmu fuq ir-rilevanza li jista' jkollu dan ir-rapport fil-konfront ta' nefqa pubblika marbuta mal-proġett tal-Electrogas, allura naħseb f'din iċ-ċirkostanza l-aħjar nitolbu l-parir tal-Ispeaker, naraw nistgħux niddiskutu dan ir-rapport b'mod addizzjonali, ir-relevanza tiegħu u anke l-impatt finanzjarju fuq in-nefqa pubblika."

L-Onor. Glenn Bedingfield qal hekk:

**"ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Dik m'għandniex problema."

L-Onor. Alex Muscat qal:

**"ONOR. ALEX MUSCAT:** U allura f'dan is-sens jien qed nitlob Ruling."

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

**“IĊ-CHAIRPERSON:** Il-vot ittieħed.”

U l-Onor. Alex Muscat qal hekk:

“**ONOR. ALEX MUSCAT:** Il-vot ma tteħidx. Qed nitlob Ruling mingħand l-Ispeaker ...”

Imbagħad l-Onor. Andy Ellul qal:

“**ONOR. ANDY ELLUL:** Hekk trid ittellagħhom ... Dan hu l-mod demokratiku?”

Hawnhekk ovvjament inqala’ battibekk bejn il-membri tal-PAC. Is-Sedja għalhekk rat il-punti saljenti ta’ dak li nqala’ biex tasal għad-deċiżjoni li ntalbet tagħti u nikkwota:

**“ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ħa nressaq talba biex dan il-Kumitat imur b’dan il-każ quddiem l-Ispeaker u niddeċiedu jekk hux ta’ relevanza għal dan il-Kumitat jew le. U ressaq dan il-vot.”

Iċ-Chairperson qal hekk:

**"IĊ-CHAIRPERSON:** Tajjeb, se titolbu vot fejn titlax NGO tixhed?"

Hawnhekk l-Onor. Glenn Bedingfield qal hekk:

**"ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Le, din mhix kwestjoni ta' xhieda, din kwestjoni ta' rapport u ta' proċedura quddiem dan il-Kumitat."

Iċ-Chairperson imbagħad wieġeb hekk:

**"IĊ-CHAIRPERSON:** X'ma jaqtgħux qalbhom in-nies mill-burokrazija ta' hawn ġew! L-Onor. Cutajar."

Imbagħad l-Onor. Cutajar qal:

**"ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Għall-kumment tal-Onor. Whip għax għal ġieħna, inti qed tgħid lili, inti l-Whip ukoll ta' sħabek li qegħdin hawnhekk u tal-kumplament li qegħdin id-dar."

Hawnhekk imbagħad l-Onor. Ellul qal hekk:

**"ONOR. ANDY ELLUL:** Hekk tridu tirbħuhom il-voti? Bir-rispett kollu ..."

U l-Onor. Cutajar wieġeb hekk:

"**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nista' nispiċċa, jekk jogħġbok? Għax inti tfajt kumment, jmissek torganizza lil sħabek. Nassigurak li sħabi hawnhekk imxejna mal-iStanding Orders ..."

Imbagħad l-Onor. Ellul reġa' qal:

**"ONOR. ANDY ELLUL:** ...lanqas tagħtuh ċans jitkellem lill-Onor. Muscat għax iċ-Chairman tiegħek irid jitkellem hu biss."

Hawnhekk l-Onor. Cutajar qal:

"**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Tista', jekk jogħġbok ... Iva, ftit rispett, jekk jogħġbok. Tant dak li qed tgħid inti,

bir-rispett kollu - u taf li hemm rispett reċiproku - li m'intix qiegħed korrett f'dak li qed tgħid għaliex l-Onor. Bedingfield li qiegħed maġenbek meta morna għall-vot kien l-ewwel wieħed li qal kontra u għajjat il-vot. Mela allura kif tista' tiġi tgħidli inti li nirregolarizza lil sħabi. Jien dik id-domanda nagħmilha lilek għaliex misskom tkellimtu bejnietkom u qabel morna għall-vot ..."

Imbagħad iċ-Chairperson qal:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Ħalli nimxu bil-proċedura issa ħalli nmexxu. Mela hemm proċedura, jien meta għajjatt il-"favur" kien hawn tlieta. Meta għajjatt in-"No" l-Onor. Bedingfield għajjat "No". It-tlieta l-oħra qed jittieħdu bħala li astjenaw ...

Hawnhekk ma kienx hemm qbil u kien hemm battibekki bejn l-istess membri. Imbagħad aktar tard iċ-Chairperson issospenda l-Kumitat u ħa parir mill-Uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra dwar il-vot. Meta l-Kumitat irriżuma iċ-Chairperson qal hekk:

“**IĊ-CHAIRPERSON:** Ħa mmorru lura għal qabel ma ssospendejna. Meta ssejjaħ il-vot ... Qed ngħid dan kollu wara li saret diskussjoni mal-Uffiċċju tal-Iskrivan. F’dan ir-rigward, anke biex nispjega x’ġara, sejjaħt il-vot fuq jekk l-NGO Friends of the Earth għandhiex tissejjaħ bħala xhud fir-rigward tal-investigazzjoni ta’ bħalissa, dwar l-awarding tal-kuntratt tal-Enemalta, tal-power station. Kien hemm l-‘Ayes’ u ssejħet ‘No’, u wara ssejħet division. F’dan il-każ il-vot m’għaddiex għax tiġi – ħa ngħid hekk – assunta s-saħħa numerika, biex nuża l-istess kliem tal-parir li ngħatajna. La ntalbet id-division, jissejħu l-ismijiet, jekk jogħġbok.

U hawnhekk l-Iskrivana tal-Kumitat bdiet issejjaħ l-ismijiet:

“**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Aye.

**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Graham Bencini.

**ONOR. GRAHAM BENCINI:** Aye.

**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Darren Carabott.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Aye.

**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** No.

**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** No.

**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Alex Muscat.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** No.

**L-ISKRIVANA TAL-KUMITAT:** L-Onor. Omar Farrugia.

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** No.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-vot m'għaddiex."

Hawnhekk l-Onor. Alex Muscat qal hekk:

**"ONOR. ALEX MUSCAT:** Niġu għal fejn ħallejna. Aħna m'għandna l-ebda problema li Friends of the Earth jiġu fil-Parlament Malti, fil-forum addattat, jitkellmu fuq rapporti ambjentali. Aħna fhimna li t-talba hija fuq rapport ambjentali li sar marbut mal-power station li taħdem bil-gass naturali u ma tikkonċernax in-nefqa pubblika. Allura f'dan is-sens qed nitolbu ruling tal-Ispeaker - sabiex aħna nimxu ma' dak ir-ruling - fuq jekk rapport ambjentali għandux jiġi diskuss fil-Public Accounts Committee minkejja li mhux qed nitkellmu fuq nefqa pubblika. Allura nitolbu ruling tal-Ispeaker f'dan is-sens."

Hawnhekk iċ-Chairperson wieġeb hekk:

“**IĊ-CHAIRPERSON:** Li nixtieq nirrimarka, jekk ma jimpurtax ... Se nagħmel referenza għall-ittra li irċevejna bħala kumitat, datata 5 ta’ Lulju 2023, bit-titlu “*Cover letter towards a fossil free Malta report*”, mibgħuta minn Friends of the Earth (Malta), fejn jgħidu li they recently published a report on Malta’s energy system, u tkompli fir-rigward ta’ ... Din tgħid hekk:

“Hereby, we would like to present this report for consideration in the documentation used by the Public Accounts Committee for their investigation of the ElectroGas contract. In particular, we want to highlight the following points ...”,

U jkomplu b’lista ta’ punti, bl-ewwel waħda tkun:

“In 2013, Enemalta awarded a contract for the operation of an LNG facility and power plant to the ElectroGas Malta consortium. The agreement contains an early termination option for Enemalta, the “GSA Exit” clause designed to

enable the transition to gas supply from the proposed Melita gas pipeline between Sicily and Malta."

Hemm numru ta' punti oħrajn. Jekk dan mhux relevanti, ma nafx.

Qed nagħmel din biex fir-ruling ukoll tittieħed in konsiderazzjoni t-talba tal-cover ..."

Hawnhekk l-Onor. Alex Muscat reġa' qal hekk:

"**ONOR. ALEX MUSCAT:** Li qed tgħid din in-naħa tal-Kamra, u nerġa' nispeċifika - jien bħala Eks Chairman tal-kumitat ambjentali wkoll - li ma nħossux li rapport ambjentali għandu jiġi diskuss, rapport li mhux qed jitkellem fuq nefqa pubblika ..."

Iċ-Chairperson wieġeb hekk:

**"IĊ-CHAIRPERSON:** Imma inti qed tgħidu, mhux limitat għal wieħed ambjentali ...

**ONOR. ALEX MUSCAT:** ... l-opinjoni tagħna hija li m'għandux jiġi diskuss fil-Public Accounts Committee.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Mhux limitat għal wieħed ambjentali. Dan ilu għandna minn Lulju. Il-vot ittieħed. Saret talba għal ruling ... Nhar it-Tnejn trid issir it-talba."

Hawnhekk saret diskussjoni oħra dwar jekk kienx hemm bżonn li t-talba ssir bilfors fil-plenarja u reġa' ttieħed vot fejn il-Kumitat qabel li s-Sedja għandha tmur għal ruling.

Is-Sedja kkonsidrat l-għanijiet li għalihom huwa mwaqqaf il-PAC u tagħmel referenza għal Standing Order 120E li jgħid hekk:

"**120E**. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:

(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubblici li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;

(b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;

(ċ) jeżamina l-kontijiet ta’ awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;

(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;

(e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta’ dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;

(f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x’jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;

(g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta’ qabel dan il-paragrafu; u

(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Dawn huma s-setgħat li għandu l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Tant hu hekk, li dan joħroġ anke minn studju li sar mill-Università, fil-paper intitolata "*The Role of the Maltese Public Accounts Committee in Public Finance*" minn Professur Peter J. Baldacchino, li hu l-Head of Department of Accountancey, F.E.M.A. fl-Università ta' Malta, Ms Christine Bartolo, Senior Auditor, Deloitte Malta, u Dr Simon Grech, li hu l-Head tad-Department of Insurance, F.E.M.A. fl-Università ta' Malta.

Fil-qosor f'din il-paper jingħad hekk:

"In Malta, the PAC is mandated to examine and inquire into reports, accounts, and related matters as referred to it by the Auditor General, a Minister, or the House of Representatives (HoR). The Committee is also empowered to demand the

> Auditor General to undertake and issue memoranda as requested by three members of the Committee, as well as to report to Parliament, among other roles ...”

Imbagħad hemm referenza għall-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali, Kap. 534 tal-Liġijiet ta’ Malta, u jingħad li dan l-Att:

> “... in 2014 has broadened the PAC’s remit to incorporate the operations of the Fiscal Council.”

Għalhekk jidher ċar li r-rapport indikat fil-laqgħa msemmija tal-PAC u li qed tintalab deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi diskuss mill-istess PAC, jiġifieri r-rapport tal-NGO Friends of the Earth mgħoddi lill-istess kumitat b’ittra mibgħuta mill-istess NGO, ma jaqax fir-remit tal-PAC għaliex ir-remit tal-PAC ma jinkludix rapporti li ma jkunux maħruġa mill-Awditur Ġenerali jew xi dokument ieħor kif definit bil-liġi jew bl-Ordni Permanenti 120E kif ċitat.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tagħmel referenza għal rulings li kienet tat hija stess fosthom dawk mogħtija fis-Seduta 130 tas-17 ta’ Marzu 2014 u dak mogħti fis-Seduta 193 tal-5 ta’ Frar

2019, rigward il-mansjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Abbjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u nikkwota:

> "U jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra li, *notwithstanding* dak li hemm miktub fil-liġi, jagħti poter addizzjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tiġi diskussa l-istess materja, anke wara d-diskussjoni fil-plenarja, dak huwa mod kif wieħed jista' jwessa' l-poteri tal-Kumitat. Jiġifieri b'awtorizzazzjoni mill-Kamra kollha u mhux mill-membri tal-istess Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ..."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal ruling li kienet tat fil-5 ta' Frar 2020 li kien jitratta l-mansjoni tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Għalhekk is-Sedja tirrileva li ċ-Chairpersons u l-Membri tal-Kumitat Permanenti għandhom dejjem jaraw li dak li jittella' għad-diskussjoni fil-kumitati rispettivi tagħhom ikun jaqa' fil-mansjoni tal-istess kumitati skont dak li tagħti l-liġi jew l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati.

Ir-ruling huwa deċiż.